# HERITAGE MALTA TAGĦTI KOLLEZZJONI ESTENSIVA TA' PUBBLIKAZZJONIJIET TAGĦHA LILL-KULLEĠĠ DE LA SALLE

Heritage Malta

**Aħbar | 27 ta' Marzu 2026**

Heritage Malta tat għażla komprensiva u varjata tal-pubblikazzjonijiet tagħha lill-Kulleġġ De La Salle fil-Birgu, biex b'hekk ittejjeb il-librerija tal-iskola b'riżorsi li jressqu l-wirt kulturali ta' Malta eqreb lejn l-istudenti u l-edukaturi.

Id-donazzjoni ġiet ippreżentata uffiċjalment waqt żjara fil-librerija tal-Kulleġġ li attendewha studenti u għalliema tal-istorja, u tiġbor flimkien titli maħruġa mid-dar tal-pubblikazzjonijiet ta' Heritage Malta, li jvarjaw kemm fit-tip kif ukoll fis-suġġetti.

Il-kotba jinkludu gwidi uffiċjali li joffru vjaġġi fil-mużewijiet u s-siti storiċi ta' Malta, studji fil-fond dwar uħud mill-meravilji preistoriċi u antiki tal-gżejjer tagħna, pubblikazzjonijiet relatati mal-arti bħal katalgi ta' wirjiet u monografi dwar artisti Maltin, kopji ta' Tesserae – rivista li toħroġ Heritage Malta darbtejn fis-sena, u pubblikazzjonijiet li jindirizzaw episodji ewlenin fil-memorja nazzjonali, bħas-Sette Giugno.

L-għotja tinkludi wkoll kotba ta' riċetti li jħarsu lejn kif il-kċina tradizzjonali Maltija hija msejsa fuq prattiki staġjonali, ktieb tal-komiks, storja grafika, u studji etnografiċi dwar il-kollezzjonijiet tat-tessuti ta' Malta – inklużi lbiesi tat-tieġ u oħrajn ekkleżjastiċi.

Permezz tad-dar tal-pubblikazzjonijiet fi ħdanha, Heritage Malta tkompli twettaq il-missjoni tagħha li tagħmel il-wirt aċċessibbli lil hinn mis-siti u l-mużewijiet li hija tħares, bħala xi ħaġa li għandha tiġi esperjenzata u mifhuma u b'hekk tinħoloq rabta magħha.

Il-kollezzjoni mogħtija hija mistennija ssaħħaħ it-tagħlim fil-klassi, l-istudju indipendenti, u aktar esplorazzjoni, u toffri lill-istudenti l-opportunità li jifhmu aħjar l-imgħoddi tal-gżejjer tagħna, permezz ta' varjetà ta' mezzi u perspettivi.

Il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, Noel Zammit, ikkummenta: "Li nagħmlu l-għarfien kulturali u storiku aċċessibbli għall-istudenti u l-edukaturi huwa ċentrali għall-missjoni tagħna. Billi nwasslu dawn il-pubblikazzjonijiet direttament fl-iskejjel, qed nimmiraw mhux biss li niffaċilitaw it-tagħlim, iżda wkoll li nrawmu l-kurżità, il-ħsieb kritiku, u apprezzament dejjiemi lejn l-istorja u l-identità ta' Malta fost il-ġenerazzjonijiet li ġejjin."

Norbert Zahra, il-Kap tal-Kulleġġ De La Salle, qal: "Jekk ninsew il-wirt tagħna – kemm jekk bħala istituzzjoni jew bħala nazzjon – nidħlu f'riskju li nitilfu l-identità tagħna. Fil-Kulleġġ De La Salle, naħdmu biex niżguraw li l-valuri tagħna mhux sempliċiment ngħallmuhom, iżda ngħixuhom. Il-ħarsien ta' wirtna huwa vitali. Dawn il-kotba, mogħtija minn Heritage Malta, se jgħinu biex

+356 22954000
info@heritagemalta.org
www.heritagemalta.org

35 Dawret Fra Giovanni Bichi
Il-Kalkara KKR 1280
Malta

isaħħu dan l-element fl-edukazzjoni tal-istudenti tagħna. Nirringrazzjaw lil Noel Zammit, il-Kap Eżekuttiv ta' Heritage Malta, għal dan il-kontribut siewi."

Din l-inizjattiva tifforma parti mill-isforzi kontinwi ta' Heritage Malta biex twessa' l-funzjoni edukattiva tagħha u tiżgura li r-riċerka, l-interpretazzjoni u l-pubblikazzjonijiet tagħha jkomplu jilħqu udjenzi ġodda.